31993D0044

25.1.1993 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 16/53

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tal-21 ta' Diċembru 1992

li tapprova l-programmi dwar viremja tar-rebbiegħa tal-*carp* mogħtija mir-Renju Unit, u li tiddefinixxi garanziji addizzjonali għal xi speċje ta' ħut għall-konsenji għal Gran Brittanja, l-Irlanda ta' Fuq, Isle of Man u Guernsey

(93/44/KEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 91/67/KEE tat-28 ta' Jannar 1991 dwar kondizzjonijiet tas-saħħa ta' l-annimali li jirregolaw it-tqegħid fis-suq ta' annimali u prodotti akkwatiċi [1], u partikolarment l-Artikolu 12 tiegħu,

Billi r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 706/73 tat-12 ta' Marzu 1973 dwar l-arranġementi Komunitarji li jgħoddu għall-Gżejjer Channel u l-Isle of Man għall-kummerċ fi prodotti agrikoli [2], kif emendat mir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1174/86 [3], jistabbilixxi li l-leġiżlazzjoni veterinarja għandha tgħodd għal dawn il-gżejjer bl-istess kondizzjonijiet fir-Renju Unit għall-prodotti importati fil-gżejjer jew esportati mill-gżejjer fil-Komunità;

Billi l-Istati Membri jistgħu jagħtu lill-Kummissjoni programm volontarju jew obbligatorju għal xi mard li jaffettwa l-ħut;

Billi r-Renju Unit, b'ittri datati 26 ta' Mejju, 31 ta' Lulju u 9 ta' Ottubru 1992, tat programmi dwar viremja tar-rebbiegħa tal-*carp* tal-Gran Bretajna u l-Irlanda ta' Fuq, u għal Guernsey u l-Isle of Man rispettivament;

Billi dawn il-programmi jwettqu l-kondizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 12 tad-Direttiva 91/67/KEE;

Billi huwa meħtieġ li jiġu definiti l-garanziji adizzjonali li jistgħu jintalbu għad-dħul ta' xi speċje ta' ħut fiż-żoni konċernati mill-programmi;

Billi l-miżuri disposti f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Veterinarju Permanenti,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI

L-Artikolu1

Il-programmi dwar viremja tar-rebbiegħa tal-carp (SVC), mogħtija mir-Renju Unit għall-Gran Bretanja-Irlanda ta' Fuq, Isle of Man u Guernsey, huma approvati.

l-Artikolu2

1. Id-dħul fiż-żoni msemmija fl-Artikolu 1 ta' ħut ħaj li jappartieni għall-ispeċi suxxettibbli għall-SVC elenkati fl-Anness A tad-Direttiva 91/67/KEE u tal-bajd tagħhom mhux maħsuba għall-konsum direttament mill-bnedmin huwa soġġett:

(a) jew li jirrispetta l-kondizzjonijiet segwenti:

(i) SVC għandha tkun marda notifikabbli fir-reġjun ta' l-oriġini;

(ii) rapporti ta' infezzjoni suspettata fiċ-ċiprinidi għandhom jiġi investigati minnufih mis-servizzi uffiċjali għar-reġjun ta' l-oriġini;

(iii) siti infettati fir-reġjun ta' l-oriġini għandhom jiġu indikati bħala infettati;

(iv) m'għandhomx jiġu minn dawn is-siti indikati bħala infettati mis-servizzi uffiċjali tar-reġjun ta' l-oriġini;

(b) jew li jirrispettaw il-kondizzjonijiet li ġejjin:

(i) is-sit ta' l-oriġini għandu fiż-żmien tas-sena meta hija mistennija l-SRC li tidher, ikun sottomess, għall-inqas għal sentejn, għal spezzjoni annwali mis-servizzi uffiċjali tal-post ta' l-oriġini u testijiet laboratorji għall-iżolazzjoni tal-*virus* għndhom ikunu ġew imwettqa;

(ii) f' każ ta' siti diġa' infettati,

— għandu jkun sottomess għall-inqas għal tliet snin għat-testijiet imsemmija f'(i), u wara dan l-ispeċi suxxettibbli li ġew ċertifikati liberi mill-marda jiġu esposti għall popolazzjoni taħt kontroll biex tiġi pprovata l-assenza tal-*virus*,

jew

— il-popolazzjoni tagħha għandha tkun ġiet eliminata u l-istallazzjonijiet diżinfettati; f'dak il-każ, għandu jimtela' bi speċi ċertifikati li huma liberi mill-marda;

[1] ĠU L 46, tad-19.2.1991, p. 1.
[2] ĠU L 68, tal-15.3.1973, p. 1.
[3] ĠU L 107, ta' l-24.4.1986, p. 1.

(iii) fis-siti msemmija f'(i) u (ii) l-ispeċi kollha għandhom joriġinaw minn oriġini ċertifikati bħala liberi mill-marda.

2. Minbarra r-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafu 1, il-konsenji għandhom jiġu akkumpanjati minn ċertifikat, li mtela mis-servizz uffiċjali, li jattesta li s-sit ta' l-oriġini tikkonforma mal-kondizzjonijiet tar-Regolament tal-Kummissjoni 93/44/KEE.

L-Artikolu 3

Ir-Renju Unit għandi jġib fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti, u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji biex jikkonforma mal-programmi msemmija fl-Artikolu 1 sa l-1 ta' Jannar 1993.

L-Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fil-21 ta' Diċembru 1992.

Għall-Kummissjoni

Ray MAC SHARRY

Membru tal-Kummissjoni